**Laqgha Numru 23/K6/2010**

**Introduzzjoni**

It-Tlieta u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar it-Tnejn 6 ta' Dicembru 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat baghtu email jitolbu li jkunu skuzata **(Ara dokument A u B)** u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli cempel fil-5.30pm, u aktar tard baghat ittra jitlob li jkun ukoll skuzat.**(Ara dokument C)**

Minhabba li ma kienx hemm quorum li laqgha ma setghetx issir.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku Joe Zammit li skond Art. 2 (2) ta' l-Ordnijiet Permanenti, il-laqgha ma tistax issir qabel jghaddu jumejn tax-xoghol.

Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jinforma lill-Kunsilliera li l-laqgha issa ser issir nhar il-Hamis 9 ta' Dicembru 2010 fil-5.30pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |

**Laqgha Numru 23/K6/2010**

**Introduzzjoni**

It-Tlieta u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar il-Hamis 9 ta' Dicembru 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Il-Kunsillier Lauro Fava **(li wasal fil-5.50pm – Ara Dokument D)** u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat **(Ara dokument E, F u G)** kienu nfurmaw aktar kmieni li kienu skuzata u ghalhekk ma kienx hemm quorum u l-laqgha ma setghetx issir.

Minhabba li ma kienx hemm quorum il-laqgha ma setghetx issir.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lil dawk prezenti li skond Art. 2 (2) ta' l-Ordnijiet Permanenti, il-laqgha ma tistax issir inkluz li d-data tal-laqgha ghad trid tigi notifikata wara li jikkonsulta mas-Sindku Joe Zammit.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
| --- | --- |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |

**Laqgha Numru 23/K6/2010**

**Introduzzjoni**

It-Tlieta u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar l-Erbgha 22 ta' Dicembru 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsilliera Lauro Fava ***(li wasal fil-5.50pm)***, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ***(li waslet fil-5.35pm)*** u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-26 ta' Novembru 2010. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 21/K6/2010.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 21/K6/2010.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 22/K6/2010.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 22/K6/2010.**

**05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**07. Mistoqsijiet.**

**08. Korrispondenza.**

**09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**11. Proposti ghall-Estimi Finanzjarji 2011 u Business Plan 2011-2013.**

**12. L-Appell Mario Mallia vs il-Kunsill Lokali Pembroke.**

**13. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**14. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 21/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 21/K6/2010 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 21/K6/2010.

***2.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat waslet fil-5.35pm.***

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 21/K6/2010 item 2.14 u ghall-Minuti 20/K6/2010 item 6.206 u ghall-korrispondenza numru **46/6327/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jittiehdu ritratti ta' dawk it-tabelli li hemm bzonn jinbidlu, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill huwa nfurmat li s-Segretarju Ezekuttiv kien

ghamel lista ta' xi 150 tabella li hemm bzonn madwar il-lokal u ghalhekk jekk hemm bzonn ritratti, jista' jintuza l-haddiem tal-ETC.

**46/4948/10/O** 08/11/2010 E-mail li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lis-Sindku Joe Zammit sabiex qabel tinhareg il-works order lil Ell's Urban Services sabiex jigi rrangat xoghol tal-WSC, issir spezzjoni mill-Perit tal-Kunsill jew minn rapprezentant tal-Kunsill halli jigu vverifikati s-siti minhabba li jista' jaghti l-kaz li hemm postijiet fuq il-bankina biss.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 21/K6/2010 item 6.118 u ghall-korrispondenza numru **46/4948/10/O** fejn is-Sindku Joe Zammit kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jghaddilu kopja ta' l-indirizzi tas-servizzi halli idur mal-Vici Sindku u min jixtieq mill-Kunsilliera halli permezz ta' ritratti jiddistingwu jekk humiex fuq bankini u fit-triq, is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kienu daru l-indirizzi ndikati fil-lista u kollha huma fuq it-tarmak. Il-kelliem qal li jidher ukoll li kien hemm xoghol iehor mill-WSC friski li mhux imnizla f'din il-lista. Is-Sindku Joe Zammit qal li ghalhekk il-works order li kien hemm issa tista' tinhareg.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 21/K6/2010 item 15.18 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet biex jintbaghat flyer fuq it-tip ta' skart li qeghdin johorgu r-residenti, refuse, recycled u bulky refuse, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien sar draft u kien qed jistenna l-approvazzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qabel jintbaghat. **(Ara dokument T)**

2.05. Is-Sindku Joe Zammit talab il-kummenti tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

2.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li jkun inutli li tibghat proposti ghax dawn ma kienux qed jigu kkalkulata.

2.07. Is-Sindku Joe Zammit qal li la ma kien hemm ebda rispons, dan il-flyer ser jinhareg kif iccirkolat lill-Kunsilliera.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 21/K6/2010 item 15.37 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill ittella' grupp ta' tfal Wales f'Mejju 2011 ghac-cerimonja tal-Mayor Making, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li xoghol fuq din l-inizjattiva ser jibda kif jghaddu l-festi.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 21/K6/2010 item 15.42 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet irrakkomandat li jsir komunikat mal-MCA minhabba li jirrizulta li dawn qed jaghmlu ftehim li jaghmlu korsijiet tal-kompjuters fil-Kunsilli Lokali u wara l-kompjuters jibqghu propjeta' tal-Kunsill, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien sar komunikat mal-MCA dwar skemi li johorgu ghall-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill gie nfurmat li huma johorgu sejhiet minn zmien ghal zmien fuq gazzetti (l-bicca l-kbira fuq it-Times of Malta) fejn imbaghad il-Kunsill ikun jista' japplika ghal din l-iskema u jekk jaccettaw l-MCA, il-Kunsill jinghata kuntratt ta' tlett snin, fejn l-MCA jaghtu l-kompjuters lill-Kunsill ghal tlett snin u wara l-MCA tiddeciedi iggeddidtx dan il-kuntratt ghal 3 snin ohra. Il-Kunsill gie nfurmat li l-MCA baqalhom biex johorgu sejha ohra minhabba li l-ahhar sejha ghadha kemm taghlaq xi gimghat ilu u bhalissa m'ghandhomx kompjuters.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 22/K6/2010.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 22/K6/2010 kif ipprezentati.

3.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

3.04. Il-Minuti gew approvati.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 22/K6/2010.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 102/2010** b'rapport tal-laqgha li saret mac-CEO ta' l-Awtorita' tad-Djar **(Ara dokument H); Internal Memo 103/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Avukat tal-Kunsill **(Ara dokument I); Internal Memo 104/2010** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Perit tal-Kunsill **(Ara dokument J); Internal Memo 105/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-FTZ dwar il-progett MEDSTRATEGY **(Ara dokument K); Internal Memo 106/2010** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 20/K6/2010 u 23/K6/2010 **(Ara dokument L); Internal Memo 107/2010** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 20/K6/2010 u 23/K6/2010 **(Ara dokument M); Internal Memo 108/2010** b'rapport tal-kwotazzjonijiet li ngabru ghall-ikliet tal-progett MEDSTRATEGY **(Ara dokument N);** Flyers attivitajiet tal-Milied **(Ara dokument O, P u Q);** Flyer Presidential Charity Fun Run **(Ara dokument R);** Flyer dwar bejgh ta' Parking Dials **(Ara dokument S);** Flyer dwar il-ftuh mill-gdid tal-librerija pubblika **(Ara dokument U) u** Kopja ta' kartolina elettronika. **(Ara dokument V)**

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-internal memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

6.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li kien attenda ghac-celebrazzjonijiet ta' Jum ir-Repubblika kif ukoll li kien attenda ghaz-zewg laqghat li saru rigward il-Belt Kulturali Ewropeja 2018.

6.03. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja u ta prosit ghall-hidma lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, lill-Kunsillier Joe Brincat, lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-istaff klerikali ghall-hidma taghhom biex saret b'success il-Konferenza tal-MedStrategy f'Pembroke – Malta. Il-kelliem qal li grazzi tmur ukoll ghall-Ministeru tat-Turizmu ghall-materjal informattiv li provdew kif ukoll tour mill-MTA ghad-delegati. Il-kelliem qal ukoll grazzi lir-rapprezentant tal-FTZ Lawrence Attard. Finalment il-kelliem qal li anke huwa ta s-sehem tieghu ghal din il-konferenza. Finalment il-kelliem irringrazzja ukoll lill-Onor. Stefan Buontempo – Kelliem Ewlieni ghall-Oppozizzjoni dwar il-Kunsilli Lokali li laqa' l-istedina tal-Kunsill fejn attenda ghal din il-konferenza kif ukol ghall-kelmtejn li ghamel.

6.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kienu attendew ghall-ftuh ufficjali tac-Childcare Centre il-Merill. Il-kelliem qal li l-membri l-ohra tal-Kunsill inkluz huwa, ma kienux prezenti minhabba mpenji ohra.

6.05. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja u ta prosit lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li flimkien mieghu u mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamlu gurnata jippreparaw

ghall-attivita’ ta’ l-anzjani. Il-kelliem irringrazzja ukoll lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li attendiet waqt l-attivita’ filghaxija.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-17 ta’ Novembru u t-22 ta’ Dicembru 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/7211/10/I** 16/11/2010 Ittra minghand l-Onor. G. Pullicino jinforma lill-Kunsill li minhabba decizjonijiet fuq ix-xoghlijiet li ser isiru minn Transport Malta fl-istess zona, ghalissa x-xoghol fuq il-progett tal-Gnien f’Pembroke, waqaf.

8.02. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7211/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fl-ittra tal-Ministru Pullicino m’hemmx indikazzjoni fejn ser isir dan il-progett tal-gnien.

**46/7212/10/I** 16/11/2010 Ittra minghand id-Dipartiment ghat-Tindif u Manutenzjoni fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali jitolbu l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jigu identifikati bjar fil-lokal.

8.03. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7212/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-Dipartiment ghandu jigi nfurmat bil-lista ta’ bjar li jaf bihom il-Kunsill, liema lista l-Kunsill kien talab ghad-devoluzzjoni taghhom.

8.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7241/10/I** 17/11/2010 Ittra minghand FTZ jinfurmaw lill-Kunsill li dwar il-progett MEDSTRATEGY il-Kunsill, ghall-perjodu April - Dicembru 2010 ser ikollu shortfall ta’ €63,000 ghalkemm il-progett fl-ahhar ser jirrendi madwar €29,555.

**46/7259/10/I** 17/11/2010 Ittra minghand FTZ jinfurmaw lill-Kunsill li dwar il-progett OSDDT-Med il-Kunsill, ghal perjodu li jispicca Dicembru 2010 ser ikollu shortfall ta’ €28,000 ghalkemm il-progett fl-ahhar ser jirrendi madwar €35,000.

8.06. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7241/10/I u 46/7259/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn ser jigu diskussa fil-laqgha mal-Onorevoli Dr. Chris Said.

8.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa mportanti li l-Kunsill jara kif ser jiffinanzja s-shortfall li hemm.

**46/7374/10/I** 22/11/2010 Ittra minghand il-Kummissjoni Ewropeja tistieden lill-Kunsill sabiex ikompli fuq aktar inizjattivi sabiex tintlahaq il-mira li jitnaqqas 20% $CO_2$ kif stipulat fil-Covenant of Mayors.

8.08. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7374/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7376/10/I** 22/11/2010 Ittra minghand l-Avukat tal-Kunsill jinforma lill-Kunsill li jekk m’huwiex sejjer zbaljat ir-responsabilita’ tal-kaptelli tad-dranagg mhux tal-Kunsill ghalkemm

l-ewwel darba meta isir rikostruzzjoni isiru mill-Kunsill.

8.09. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7376/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandha ssir cirkulari lir-residenti biex ir-residenti jigu nfurmata biex min ghandu kaptelli tad-dranagg miksura, huma ghandhom jaraw li jigu rrangata ghax f’kaz ta’ incidenti huma jinzammu responsabbli ghal dak li jinqala’.

8.10. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7402/10/I** 22/11/2010 Ittra minghand l-AKL dwar it-tigdid tal-polza ta’ assigurazzjoni dwar cash in transit u flus fil-Kunsill ghas-sena 2011 ghall-prezz ta’ €63.00.

8.12. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7402/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ihallas din l-assigurazzjoni.

8.13. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7414/10/I** 23/11/2010 Ittra minghand Alternative Technologies Ltd. jinfurmaw lill-Kunsill li jekk ma jsirx il-hlas dovut skond l-invoice taghhom ser jiehdu passi legali minhabba li r-rati li hemm fuq il-BOQ kienu gew accettata mill-Kunsill.

**46/7593/10/O** 29/11/2010 Email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lill-Avukat dwar il-kaz ta’ l-Alternative Technologies Ltd. jitlob il-parir tieghu.

8.15. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7414/10/I u 46/7593/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din intbaghtet lill-Avukat sabiex jaghti parir ta’ kif ghandu jimxi l-Kunsill. Fl-istess hin il-kelliem ippropona biex il-Kunsill jinforma lill-Alternative Technologies Ltd. li l-Kunsill ghadda l-ittra tieghu lill-Avukat tal-Kunsill ghall-parir legali.

8.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7415/10/I** 23/11/2010 Ittra li d-DG Martin Bugelli baghat lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jitolbu sabiex jitlob lil min kien ha l-ittra lura sabiex jirritorna lill-Kunsill kif ukoll sabiex jinforma lis-Sindku li jekk jixtieq jirtira l-ittra tar-rizenja jista’ jaghmel dan b’ittra ohra lill-Kunsill.

**46/7427/10/I** 23/11/2010 Ittra ta’ rizenja mis-Sindku Joe Zammit indirizzata lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg (Dok A) u ittra ohra mis-Sindku Joe Zammit jirtira l-ittra precedenti (Dok B).

**46/7501/10/I** 23/11/2010 Ittra minghand id-DG Martin Bugelli jinforma lill-Kunsill li, l-kaz dwar l-ittra tar-rizenja tas-Sindku, issa huwa maghluq.

8.18. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7415/10/I, 46/7427/10/I u 46/7501/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet dawn l-ittri ghandhom jigu diskussa fil-Kunsill kif ukoll li tinnota b’dispjacir li l-membri tal-Kunsill ma kienux infurmata b’dan il-kaz immedjatament, l-istess bhal ma kien gara fil-kaz ta’ Bergen. Il-kelliema qalet li thoss li l-Kunsilliera fil-minoranza ma kienux infurmata u talbet li tkun taf x’gara ezatt u ghala ma gewx infurmata mmedjatament. Il-kelliema sostnit li l-Kunsilliera fil-minoranza huma stmati tat-tieni klassi.

*8.20. Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fil-5.50pm.*

8.21. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-kaz huwa wiehed maghluq u ma kellux x'ghid aktar ma' dak li kiteb.

8.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li qed toggezzjona bil-kbir ghal dak li gara u qed tesigi spjegazzjoni. Il-kelliema staqsiet lis-Segretarju Ezekuttiv jekk ghandiex dritt titlob spjegazzjoni lis-Segretarju Ezekuttiv ta' dak li gara.

8.23. Is-Sindku Joe Zammit qal li s-Segretarju Ezekuttiv kien agixxa u ma kellux kummenti x'jaghmel.

8.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat insistiet li titlob spjegazzjoni minghand is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

8.25. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li huwa kien ha parir ta kif kellu jagixxi u fil-fatt ha l-passi kollha necessarji abbazi tal-parir li kien inghata.

8.26. Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat qalet li ma kienetx sodisfatta bl-agir tal-Kunsill. Il-kelliema qalet ukoll li l-Kunsilliera kellhom jigu nfurmati mmedjatament u mhux issir konfoffa minn wara dar il-Kunsilliera fil-minoranza.

8.27. Is-Sindku Joe Zammit rega' tenna li ma kien hemm ebda bazi ta' diskussjoni fuq il-kaz minhabba li anke skond id-Direttur Generali Martin Bugelli, il-kaz issa kien maghluq.

**46/7436/10/I** 23/11/2010 — Email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat tistaqsi lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg dwar fejn waslet l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex isiru traffic lights fi Triq Cassino.

**46/7525/10/O** 25/11/2010 — Email li l-Kunsill baghat lill-Verdala International School jinfurmhom li l-Kunsill ser jiltaqa' nhar is-6 ta' Dicembru fejn ser jiddiskuti l-proposta ta' Pellican Lights fi Triq Cassino.

**46/7902/10/I** 14/12/2010 — Email minghand l-ADT jinfurmaw lill-Kunsill li rigward it-talba tal-Kunsill għall-Pellican Lights fi Triq Cassino, il-Perit Vassallo kkomunika mal-Perit Suzanne Bonello ta' TM li ser taghmel kuntatt mal-Kunsill.

8.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7436/10/I, 46/7525/10/O u 46/7902/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward dan il-kaz il-Kunsill kien kiteb lill-ADT s-sena li ghaddiet biex jehlu Belishia Beacons ghas-spejjez taghhom. Il-kelliem qal li fil-jiem li ghaddew regghet inkitbet reminder fuq din il-materja (46/7551/10/O). Intant il-kelliem qal li wara l-laqgha li kienet saret mal-Kap tal-Verdala International School, ippropona biex il-Kunsill isostni ma' TM sabiex ghas-spejjez taghhom jigu nstallati Pellican Lights li jkunu jistghu jinxteghlu minn min ikun ser jaqsam billi jaghfas buttuna. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Verdala International School ghandhom jigu nfurmata bil-proposta tal-Kunsill u mistiedna ghall-laqgha li ser issir mal-Perit Suzanne Bonello minn TM.

8.29. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.31. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li l-Kunsill jitlob lil TM sabiex ghas-spejjez ta' TM tinstalla ukoll Belishia Beacons u/jew Pellican lights fiz-zewg zebra crossings li hemm fi Triq il-Profs. Walter Ganado.

8.32. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova dan is-suggeriment u l-istess suggeriment jitressaq ghall-attenzjoni ta' TM.

8.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li TM ghandhom jivverifikaw jekk l-ewwel zebra crossing li hemm biswit Triq Medjez, tinsabx f'post tajjeb.

8.34. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Lauro Fava u Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

8.35. Il-Mozzjoni ghaddiet.

**46/7466/10/I** 24/11/2010 Ittra mill-Ambaxxata Taljana jinfurmaw lill-Kunsill li kopja ta' l-ilment tal-Kunsill intbaghat lil-kumpanija Alitalia sabiex ma jkunx hemm sitwazzjonijiet ohra simili.

8.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7466/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7469/10/I** 24/11/2010 Stedina minghand il-Bird Breeders Association ghall-presentation night li ser issir nhar is-Sibt 11 ta' Dicembru 2010 wara l-wirja li saret mill-Kunsill fil-gimghat ta' qabel.

8.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7469/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7487/10/I** 24/11/2010 Ittra minghand l-Enemalta jinfurmaw lill-Kunsill li approvaw l-installazzjoni ta' lampa tad-dawl fil-passagg bejn Triq Sir Luigi Preziosi u Triq Jum Pembroke.

8.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7487/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-lampa ghandha ssir dejjem jekk jippermettu l-finanzi u skond il-lista ta' prioritajiet ta' installazzjoni ta' dawl kif approvat fl-ahhar laqghat tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona ukoll li tintalab stima tax-xoghol li hemm bzonn isir.

8.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7493/10/I** 24/11/2010 Ittra minghand l-FTZ bi Draft Agenda ghall-laqgha tal-MEDSTRATEGY li ser issir bejn l-14 u s-16 ta' Dicembru 2010. L-FTZ qed jitolbu ukoll il-kummenti tal-Kunsill.

**46/7655/10/I** 02/12/2012 Draft ta' programm ghad-delegazzjoni tal-MedStrategy li kien diskuss flimkien mal-FTZ. Riferenza ghalih Internal Memo 105/2010.

8.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7493/10/I u 46/7655/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet saret il-laqgha ma' l-FTZ u rrefera ghall-Internal Memo 105/2010 ipprezentata mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**46/7494/10/I** 24/11/2010 Ittra minghand l-AKL jinfurmaw lill-Kunsill, li l-MEPA, ghas-spejjez taghha ser tipprovdi Notice Boards sabiex jitwahhlu fl-ahjar postijiet biex jintlahqu mill-pubbliku.

**46/7583/10/I** 29/11/2010 Ittra minghand l-AKL jinfurmaw lill-Kunsill li n-notice board li ser issir ghas-spejjez tal-MEPA trid tkun ta' qies 110 cm x 100 cm, jekk mhux izghar u trid tehel mal-hajt.

8.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7494/10/I u 46/7583/10/I** is-Sindku Joe Zammit qal li jekk din ser tehel fuq barra tal-Kunsill, din ghandha ssir ezatt wara l-bnadar thares lejn il-bankina.

8.43. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill, li skond ir-rapprezentanti tal-MEPA stess (Riferenza 46/7984/10/I), din in-notice board trid tehel mal-hajt.

8.44. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropopna li ghandha tehel mal-hajt tas-sala faccata tal-bnadar.

8.45. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7503/10/I** 24/11/2010 Ittra minghand Greenpak jinfurmaw lill-Kunsill li l-kuntratt tat-Tbattil tal-Bring in Sites ser jiskadi fl-10/03/11, il-Ftehim Generali ser jiskadi fit-12/02/11 u l-Gbir Bieb Bieb ta' Skart Riciklat ser jiskadi fis-16/03/11 u staqsew jekk dawn humiex ser jiggeddu.

8.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7503/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan l-item jithalla ghall-laqgha ohra halli tilhaq issir laqgha maghhom biex naraw f'hiex waslet it-talba tal-Kunsill ghall-ghajnuna li kellhom jaghtu biex jehlu separation bins fl-iskola primarja.

8.48. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.50. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li GreenPak kienu baghtu kwotazzjoni ta' litter bins li jistghu jintuzaw ( Riferenza 46/7971/10/I) ghall-prezz ta' €25.00 il-wiehed eskluz il-Vat.

8.51. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-Kap ta' l-Iskola Sir Adrian Dingli (Riferenza 46/8061/10/I) qal li kellhom problema bil-gbir ta' skart riciklat fejn ma nfurmawx lill-Kunsill bil-problema li kellhom u talbet li l-iskola tigi avvicinata sabiex tinforma lill-Kunsill meta jkun hemm problemi simili. Il-kelliema qalet ukoll li jekk il-kollettur tal-Kunsill ma jigborx il-boroz dan ghandu jinghata default notice ghax ma jistax ikun li kulhadd jaghmel li jrid.

8.52. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa qatt ma ra boroz hodor biswit l-iskola. Il-kelliem qal ukoll li l-canteen ta' l-iskola ghandu jigi nfurmat li suppost ghandu jkollu skip.

8.53. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-iskola ghandhom jigu nfurmata li meta jkollhom problema ghandhom jikkomunikaw mal-Kunsill, li jigu mhegga jippartecipaw aktar fl-iskema bhala entita' edukattiva kif ukoll li l-kollettur jigu mitlub imur jigbor l-iskart ta' l-iskola fl-ahhar.

8.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa kuljum ikun fl-akwati u huwa qatt ma ra boroz hodor biswit l-iskola izda l-iskola tohrog boroz suwed, liema boroz ma jistghux jingabru mill-kollettur.

8.55. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li kull nhar t'Erbgha qed ikun hemm mizbla madwar l-iskips ta' Triq il-Mediterran minhabba li nhar ta' Tlieta mhux qed jingabar l-iskart. Il-kelliema qalet li dan qed jigri wkoll minhabba li tnaqqas l-ammont ta' skips fil-lokal u ghalhekk ma hemmx bizzejjed.

8.56. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li mhux minnu li l-Kunsill naqqas l-ammont ta' skips izda l-fatt huwa li fl-akwati ta' San Gorg, issa hemm joqghodu aktar familji. Il-kelliem qal li fil-fatt zdiedu zewg skips fil-lokal.

**46/7532/10/O** 25/11/2010 Risposta ta' Memo 144/2010 – Attivitajiet fil-lokal b'Risq il-Malta

Community Chest Fund.

**46/7685/10/I** 03/12/2010 Email mill-Ufficcju tal-President fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar gbir ta' fondi ghall-Istrina nformat lill-Kunsill li japprezzaw l-inizjattiva izda talbet ninfurmaw lis-Seg. Par. responsabbli mill-Kunsilli Lokali li flimkien ma' l-AKL qed jikkowordinaw l-attivitajiet.

8.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7532/10/O u 46/7685/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li permezz ta' din il-Memo kien jidher li l-proposta tal-Kunsill li l-Kunsilliera jmorru jigbru l-flus mir-residenzi ta' Pembroke tista' issir u ghalhekk kien ser jipproponi li titqassam cirkulari f'dan is-sens, li l-gbir isir fil-Kunsill ukoll matul il-gurnata apparti mid-dawra li jaghmlu l-Kunsillieri kif ukoll b'mod voluntarju wahda mill-iskrivani tibqa' xoghol sas-7:00pm izda tibda xoghol fl-10:00am. Il-kelliem izda qal li minhabba l'issa z-zmien huwa tard, din l-attivita' m'ghadx hemm lok l'issir u ghalhekk qed tigi kkancellata.

**46/7542/10/I** 26/11/2010 Email minghand l-ITS jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex jorganizzaw attivita' filantropika fuq l-art taghhom.

**46/7545/10/I** 26/11/2010 Email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat tinforma lill-Kunsill li ma ssibx oggezzjoni ghat-talba ta' l-ITS biex jorganizzaw attivita' filantropika fuq l-art taghhom.

8.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7542/10/I u 46/7545/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirratifika l-approvazzjoni li nghatat ghal din it-talba b'ghan filantropiku.

8.59. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7553/10/I** 26/11/2010 Email minghand il-Programm Hadd Ghalik jitolbu l-ghanjuna tal-Kunsill sabiex jigbru grupp ta' nies mill-lokal sabiex ikunu bhala udjenza u jekk isir dan, il-produzzjoni jkunu lesti li jaghtu prominenza lill-lokal.

8.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7553/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li titqassam cirkulari biex min irid jiehu sehem japplika mal-Kunsill u l-Kunsill jipprovdi t-trasport bhala attivita' socjo-kulturali.

8.62. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.63. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

8.64. Il-Mozzjoni ghaddiet.

**46/7564/10/I** 26/11/2010 Email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat titlob li t-talba ta' Ms. Marine Duriez biex taghmel Work Placement mal-Kunsill tigi accettata.

8.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7564/10/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet sabiex Ms. Marine Duriez taghmel work placement mal-Kunsill minflok il-persuna approvata precedentament.

8.66. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7566/10/I** 29/11/2010 Ittra minghand TM jinfurmaw lill-Kunsill li huwa mportanti li t-toroq, il-marki

tat-traffiku u t-tabelli tat-traffiku jinzammu skond l-istandards.

8.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7566/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, li huwa responsabbli mit-Traffiku ppropona biex il-Kunsill jiehu hsieb dan ix-xoghol specjalment fejn hemm kaxxi ta' reserved ghal nies bi bzonnijiet specjali.

8.69. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.70. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

8.71. Il-Mozzjoni ghaddiet.

**46/7575/10/I** 29/11/2010 Ittra minghand Alex Mamo Flynn, jistaqsi lill-Kunsill x-xoghol volontarju li jista' jaghmel mal-Kunsill dwar il-progett tas-Systems of Knowledge.

8.72. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7575/10/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaghti cans lil dan l-istudent biex jaghti s-sehem tieghu kif jixtieq u talbet l'issir laqgha mieghu.

8.73. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

8.74. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7584/10/I** 29/11/2010 Ittra minghand OPAL jinforma lill-Kunsill li ghalkemm ma geddewx il-Garanzija Bankarja huma xorta wahda ghadhom interessati fit-tender. Informa lill-Kunsill ukoll li f'komunikat mas-sur Magro ta' l-AKL dan kien infurmah li huwa ta' l-opinjoni li l-Kunsill messu ssospenda l-Garanzija Bankarja u jitlob li tinfetah wahda gdida wara li jigi deciz il-kaz.

8.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7584/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Avukat kien gie nfurmat b'dan (Rif: 46/7588/10/O). Il-kelliem qal li skond l-Avukat (Rif: 46/7625/10/I) ma hemmx alternattiva ghajr li l-Kunsill imur ghall-kuplament ta' l-Appell. Rigward il-garanzija bankarja li ma thalsitx, il-kelliem qal li wara komunikat li rega' ghamel mieghu s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, l-Avukat qal li l-artiklu 22 jitkellem car u jitfa obbligu fuq il-kuntrattur li jara li l-garanzija bankarja tibqa' operattiva wara li jkun inghata l-letter of acceptance sakemm ikun terminat il-kuntratt u jekk din il-garanzija bankarja ma tibqax valida skond l-istess artiklu ikun ifisser li l-kuntratt ikun abbandunat mill-kuntrattur. Il-kelliem ghalhekk ippropona li l-Kunsill ikompli bil-kawza.

8.76. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7605/10/I** 30/11/2010 Ittra minghand il-United Nations International Narcotics Control Board jirringrazzja lill-Kunsill ghall-mod professjonali li tella' u mexxa il-Konferenza ta' l-ECAD li saret f'Settembru 2010.

8.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7605/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kopja ta' l-ittra ghandha tintbaghat lill-Onor. Prim Ministru, lill-Onor. Seg. Parlamentari Chris Said, lill-Kap ta' l-Oppozizzjoni u lill-kelliemi ta' l-Oppozizzjoni ghall-Kunsilli Lokali.

8.79. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7624/10/I** Ittra minghand id-Dipartiment ghat-Tindif u l-Manutenzjoni fi hdan il-

01/10/2010 Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, jinforma lill-Kunsill li minn spezzjonijiet li saru jirrizulta li l-problema fi Triq Dun Amabile Sisner gejja minn zbroff ta' dranagg taht it-tarmak u mhux mill-ilma tax-xita.

**46/7840/10/I** 10/12/2010 Email minghand il-Perit Kevin Fsadni jinforma lill-Kunsill li jkun ghaqli li l-Kunsill jitlob laqgha mal-FTS u l-Ministeru sabiex tinstab soluzzjoni ghall-problema tat-tarmak fi Triq Madre Margherita de Brincat u Triq Dun Amabile Sisner.

8.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7624/10/I u 46/7840/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li jidher li qam battibekk bejn iz-zewg entitajiet, jigifieri l-WSC u Dipartiment tar-Rizorsi Rurali.

8.82. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment koncernat u lill-Onor. Dr. Chris Said b'dan ghax il-Kunsill ghandu jara li jissalvagwardja l-interessi tieghu u tar-residenti ghax kif tinqala' t-triq ir-resident ser iduru fuq il-Kunsill.

8.83. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7628/10/I** 01/10/2010 Ittra minghand Reel8 Productions jinfurmaw lill-Kunsill li minn Jannar 2011 ser jaghmlu 13-il programm tat-tfal fuq Education 22 bit-titlu Rahal Twelidi u qed jistaqsu jekk il-Kunsill huwiex interessat. L-applikazzjonijiet jaghlqu nhar il-Hadd 5 ta' Dicembru.

8.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7628/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirratifika l-approvazzjoni li l-Kunsill ta biex jippartecipa f'dan il-programm. Il-kelliem qal ukoll li l-Kunsill kien f'waiting list minhabba li kienu applikaw aktar Kunsilli milli kien hemm bzonn.

8.86. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.87. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet kif ittiehdet decizjoni minghajr approvazzjoni tal-Kunsill.

8.88. Is-Sindku Joe Zammit qal li riedu risposta u huwa kien ha inizjattiva fuq programm edukattiv. Il-kelliem qal li kopja tal-korrispondenza kienet giet iccirkolata lill-membri kollha tal-Kunsill u kulhadd kien infurmat.

8.89. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat astjenew.

8.90. Il-Mozzjoni ghaddiet.

**46/7637/10/I** 02/12/2012 Dikjarazzjoni mill-haddiem li ghamel xoghol ta' tiswija fil-flushing/toilet kif ukoll stima ta' €175.00 labour charge apparti li l-Kunsill irid jixtri toilet u flushing gdid.

8.91. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7637/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli iddikjara u ppropona li jekk jerga' jibda jehel il-flushing wara l-issewwa fil-gimghat li ghaddew, allura il-Kunsill ghandu jinstalla toilet u flushing komuni bhal ma hemm fit-toilet fis-sala tal-Kunsill.

8.92. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.93. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7703/10/I** 03/12/2010 **46/7803/10/I** 09/12/2010 Email minghand l-AKL jinfurmaw lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Malti fl-Universita' ser jorganizzaw Kors fil-Qari tal-Provi bil-Malti u Memo 147/2010 mid-Dipartiment Gvern Lokali dwar dan il-kors.

8.94. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7703/10/I u 46/7803/10/I** is-Sindku Joe Zammit qal li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien infurmah li jixtieq jattendi ghal dan il-kors. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jigi mheggeg li jaghmel dan il-kors u jekk ikun lest li jhallsu huwa, il-Kunsill ghandu jikkoncedi li jinghata koncessjoni li jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol fit-3.45pm kull darba li jattendi l-kors u dan bhala special leave sabiex ikun jista' jattendi.

8.95. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.96. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

8.97. Il-Mozzjoni ghaddiet.

**46/7705/10/I** 03/12/2010 E-mail mid-Dipartiment fejn talbu naggornawha jekk il-Kunsill ghadux interessat li jinstalla bandli ghall-persuni bi bzonnijiet specjali b'riferenza ghal Memo 7/2010 - Skema dwar accessibilita' fil-lokalitajiet 2010 u talbet twegiba sal-Gimgha 10 ta' Dicembru 2010.

8.98. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7705/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li kemm il-KNPD kif ukoll id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghandhom jigu nfurmata li l-Kunsill sab supplier wiehed biss mill-lista provduta mill-KNPD li jissupplixxi bandla skond l-ispecifikazzjonijiet ta' l-istess KNPD u li l-Kunsill lest li jixtri l-materjal minghandu.

8.99. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.100. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7734/10/I** 06/12/2010 Ittra minghand il-MEPA jitolbu lill-Kunsill jidentifika fuq pjanta inkuz l-ismijiet ta' l-ispeci li hemm bzonn li jinzabru fi Triq Mandalay.

8.101. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7734/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-MEPA ghandhom jigu nfurmata li s-sigar li qed issir riferenza ghalihom huma taz-znuber.

8.102. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.103. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7735/10/I** 06/12/2010 Stima minghand il-handyman tal-Kunsill sabiex isir handrail li minn wara Juno Flats jaghti ghal Triq Adeodata Pisani ghall-prezz ta' €351.68 u stima sabiex jitkompla r-railing tal-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta ghall-prezz ta' €1,406.72. L-istima hija biss ghax-xoghol u eskluz il-materjal.

8.104. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7735/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob stima tal-materjal li hemm bzonn li jintuza. Il-kelliem qal li fil-frattemp ikunu gew diskussa l-estimi finanzjarji ghas-sena li gejja.

8.105. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.106. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7736/10/I** Ittra minghand l-AKL jinfurmaw lill-Kunsill li l-laqgha tas-Sindki li jmiss ser

06/12/2010 issir bejn il-21 u 22 ta' Jannar f'Ghawdex kif ukoll min jixtieq jaghmel xi mistoqsija jista' jaghmel dan sa qabel is-7 ta' Jannar.

8.107. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7736/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li jekk xi Kunsillier jixtieq jaghmel xi domandi ghall-attenzjoni ta' l-Onor. Dr. Chris Said, ghandu jipprezenthom issa jew sa jumejn qabel id-data imsemmija.

8.108. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li tixtieq tistaqsi: Il-membri tal-Kunsill ghandhom ikollhom assigurazzjoni li jekk huma jiehdu l-Allowance mahrug lill-Kunsilliera, din ma taffetwax il-Pensjoni u/jew il-Beneficcji Socjali li jkun qed jircievi l-persuna partikulari. Punt iehor huwa li mir-rimburzar li qed jiehdu s-Sindki u l-Kunsilliera m'ghandiex titnaqqas it-taxxa fuqhom minhabba li diga kienet thalset it-taxxa meta jkun inxtara s-servizz.

8.109. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa kien ser jirrakkomanda wkoll li l-Gvern ghandu jikkunsidra li jgholli r-rimburzar moghti lill-membri tal-Kunsill.

**46/7745/10/I** 09/12/2010 Stima riveduta minghand Med Dev., Des. & Cons. Ltd. ghall-installazzjoni ta' 2 street lighting fi Triq Adeodata Pisani ghall-prezz ta' €4,413.60.

8.110. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7745/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fuq din il-materja diga kien hemm decizjoni mill-Kunsill.

**46/7746/10/I** 09/12/2010 Stima riveduta minghand Med Dev., Des. & Cons. Ltd. ghall-installazzjoni ta' 2 street lighting fi Pjazza Nazju Falzon ghall-prezz ta' €4,624.52.

8.111. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7746/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fuq din il-materja diga kien hemm decizjoni mill-Kunsill.

**46/7780/10/I** 09/12/2010 Rapport minghand il-MITA jinfurmaw lill-Kunsill li l-izball fuq il-print out mill-Microsoft Outlook kienet ikkawzata minn bug fil-programm kif ukoll li d-data u l-hin tal-programm ma jistghux jigu rrangata minn users minhabba li huma protetti mill-MITA.

8.112. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7780/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7799/10/I** 09/12/2010 Ittra minghand is-sur Johann Bellizzi ta' Sit A San Gorg, jitlob l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jitpoggew tabelli halli jservu ta' deterrent ghal min qed jabbuza mill-parkegg fir-rampi li jaghtu ghall-garaxxijiet ta' taht is-sit.

8.113. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7799/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jehlu tabelli mal-hajt tar-rampa li ma jistax isir parkegg ta' vetturi.

8.114. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.115. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7815/10/I** 09/12/2010 Ittra minghand id-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern jitlob il-kummenti tal-Kunsill ghal talba li ghandhom minghand resident biex jiehu u jmantni bicca art li hemm fi Triq Pietru D'Armenia fl-akwati ta' l-appartament tieghu.

8.116. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7815/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill joggezzjona ghal din it-talba kif ukoll li l-Kunsill jaghmel programm biex din iz-zona tigi riabilitata ghax din kienet isservi ta' zona ghall-mistrieh. Il-kelliem qal li fil-fatt din mhiex art mitluqa izda bicca art mat-tarf ta' blokk 4, miksija bil-madum u anke hemm bankijiet tal-gebel. Is-Sindku Joe Zammit qal li r-residenti kienu talbu biex titranga halli sservi ta' post ghall-mistrieh ghall-familji. Il-

kelliem ippropona wkoll li l-parti tal-genb ta' din iz-zona ghandha titnaddaf biex tkun kumplimentari biex isservi t'aktar parkegg skond kif mitlub fil-laqghat li saru mar-residenti.

8.117. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li l-Kunsill ghandu jitlob l-ghajnuna ta' l-Awtorita' tad-Djar sabiex dan is-sit jigi nkluz fl-embellishment ta' Sit A.

8.118. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7820/10/I** 10/12/2010 Email minghand is-Sindku Joe Zammit jawtorizza lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex issir il-manutenzjoni mehtiega fid-dawl li hemm fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

8.119. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7820/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirriafferma l-istruzzjonijiet diga moghtija lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex issir il-manutenzjoni mehtiega fid-dawl tal-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta u Gnien 4 ta' Lulju. Il-kelliem qal li mieghu kemm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll il-Kunsillier Joe Brincat kienu diga approvaw li dan ix-xoghol isir malajr biex jevitaw inkwiet jew dizgrazzji.

8.120. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.121. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7836/10/I** 10/12/2010 Email minghand il-Perit Kevin Fsadni jinforma lill-Kunsill li jekk il-Kunsill jixtieq, mill-applikazzjoni ghall-Kalata tal-Bocci jista' jitnehha l-izvilupp kummercjali u b'hekk tonqos sostanzjalment il-mizata ta' l-applikazzjoni ghall-permess.

8.122. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7836/10/I** is-Sindku Joe Zammit qal li jidher li jekk titnehha il-club house biex titnaqqas il-mizata ghall-hlas ta' l-applikazzjoni tal-kalata tal-bocci, dan ma jkunx jaghmel sens. Intant il-kelliem ippropona li l-Kunsill jistaqsi lill-Ministru George Pullicino biex il-Kunsill jara f'hiex waslet it-talba tal-Kunsill li b'sodisfazzjon ghall-Kunsill, il-Ministru kien qal li ser jghin f'dan il-progett.

8.123. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li l-Kunsill ghandu jaghmel laqgha mad-dilettanti tal-kumitat tal-bocci sabiex jinzammu nfurmata.

8.124. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet ghala bilfors hemm il-htiega li jkun hemm club house u dan minhabba li kienet avvicinata minn xi nies li huma nkwetati li jista' jkun hemm inkonvenjent ghar-residenti.

8.125. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan is-suggett jista' jigi diskuss mal-grupp tad-deletanti.

8.126. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

**46/7842/10/I** 10/12/2010 Email minghand il-Perit Kevin Fsadni jinforma lill-Kunsill li qabel il-Kunsill jipprocedi dwar in-nuqqasijiet strutturali li hemm f'Sit B jkun ghaqli jekk il-Kunsill jivverifika min huwa responsabbli miz-zoni pubblici li hemm fil-madwar.

**46/7885/10/I** 10/12/2010 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinfurmaw lill-Kunsill li z-zamma u l-manutenzjoni ta' zoni li nbnew mill-Housing u/jew Awtorita' tad-Djar, qabel mal-Kunsill jiehu r-responsabilita' taghhom, ghandu jibqa' jinsisti li d-difetti li qed jghid li hemm il-Kunsill ghandhom jigu rrangati minn min kien responsabbli.

8.127. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7842/10/I u 46/7885/10/I** is-Sindku Joe Zammit qal li dawn iz-zewg ittri huma kumplimentari minhabba li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali qed jikkonferma li hija ghaqlija d-direzzjoni tal-Kunsill li jinsisti li s-siti tal-housing ghandhom jinghaddew lill-Kunsill wara li l-Kunsill jizgura li jkunu fi stat tajjeb.

8.128. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li meta l-Awtorita' tad-Djar ser taghmel l-embellishment ta' Sit A, ikun ghaqli li l-Perit tal-Kunsill ikun involut sabiex jissorvelja li x-xoghol li jkun qed isir, isir kif suppost halli wara l-Kunsill ma jbaghtix il-konsegwenzi, dejjem jekk tapprova l-Awtorita'.

8.129. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jilqa' dan is-suggeriment.

8.130. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.131. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7895/10/I** 14/12/2010 — Proposta minghand Electro Solar sabiex f'Pembroke ikun hemm Sustainable Generation of Clean Energy u Rainwater Harvesting.

8.132. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7895/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma' dawn is-sinjuri.

8.133. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.134. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7919/10/I** 14/12/2010 — Ittra minghand is-sur Joseph Borg jilmenta mal-Kunsill li qed jitnaqsu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem meta l-legislatura precedenti ma hallietx li ssir Disabled Parking mal-genb tad-dar tieghu u ghalhekk qed izomm lill-Kunsill responsabbli ghal dak kollu li jista' jinqala'.

8.135. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7919/10/I** is-Sindku Joe Zammit qal li huwa jidhirlu li dak li sar, sar kollu fl-ambitu tar-regoli ta' l-ADT (illum TM). Ghaldaqstant il-kelliem ippropona li s-Sur Borg ghandu jigi nfurmat biex jekk irid jerga' iqajjem il-kaz mat-TM, l-Awtorita' gdida ta' llum.

8.136. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.137. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

8.138. Il-Mozzjoni ghaddiet.

**46/7927/10/I** 14/12/2010 — Ittra minghand il-Principal tal-Kullegg Santa Klara titlob li tigi rrangata t-triq li taghti ghall-Kullegg kif ukoll titnaddaf l-akwata u jinzabru s-sigar li hemm.

8.139. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7927/10/I** is-Sindku Joe Zammit qal li dakinhar stess, flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli zaru t-triq li taghti ghall-bini amministrattiv tal-Kullegg u jirrizulta li verament jehtieg li jsir patching qawwi f'din it-triq. Il-kelliem qal li hemm hofor minn quddiem il-Commonwealth Graves sa l-entratura tal-blokk amministrattiv. Fl-istess post faccata tal-blokk amministrattiv, l-ufficjali ta' l-iskola indikaw li parti sew mill-bankina hija mkissra u qed tisfronda u ghalhekk il-kelliem ippropona li hemm bzonn li titnehha kollha u tissewwa (tul ta' 30 metru). Il-kelliem qal li saret talba biex il-wicc gdid isir baxx kemm jista' jkun u livell mat-triq halli ma jzommx ilma ghax jifforma maqghad kull meta taghmel ix-xita. Il-kelliem qal li huwa raw ukoll li l-bankina tan-naha ta' mal-blokk hija fi stat tajjeb ghajr ghall-ahhar bicca l'iddur biex tidhol fil-blokk amministrattiv. Il-kelliem qal

l'ittiehdu xi ritratti ta' dak li hemm bzonn. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li, mal-kuntrattur, meta jigi, ser jimmarkaw il-patching kollu li hemm bzonn biex il-Kunsill ikollu stima, kif ukoll rigward ix-xoghol tal-bankina il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill jitlob stima lill-kuntrattur halli l-Kunsill ikun jaf xi spiza hemm u jkun jista' jikkontrolla l-infieq. Il-kelliem qal li dan l-ilment kien tressaq mill-Principal tal-Kullegg lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fil-ftuh tal-Merill Child Care Centre. Il-kelliem qal li works order tinhareg wara li l-Kunsill japprova l-istimi.

8.140. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.141. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.142. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li tispera li x-xoghol kien ghadu ma sarx minhabba li kien hemm okkazjoni fejn il-patching li sar mill-kuntrattur tal-Kunsill ma kienx sar tajjeb u s-Sindku Joe Zammit kien talbu jerga' jaghmlu.

8.143. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-kontijiet tal-patching jigu ccertifikati mill-Perit tal-Kunsill.

**46/7979/10/I** 16/12/2010 Email minghand id-Dipartiment fejn baghtu l-prezentazzjonjiet li saru fil-laqgha ta' l-1 ta' Dicembru 2010 dwar il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018.

8.144. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7979/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirratifika d-decizjoni mehuda li l-Kunsill jippartecipa f'din l-inizjattiva, liema decizjoni diga kienet ittiehdet minhabba li kien hemm zmien stipulat.

8.145. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.146. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat astjenew.

8.147. Il-Mozzjoni ghaddiet.

**46/7987/10/O** 16/12/2010 Email li l-Kunsill baghat lis-Sindku fejn infurmah li llum cempilna lill-kumpanija Ciancio Ltd. l-agent tal-cameras Fuji u nformaw lill-Kunsill li m'ghandhomx il-battery tal-camera minhabba li hija out of production u tlabna gwida.

8.148. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7987/10/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jiccekja forsi tinxtara battery minn fuq l-internet.

8.149. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.150. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8038/10/I** 20/12/2010 Ittra minghand l-Onor. Dr. Chris Said jinforma lill-Kunsill li s-Segretarjat approva li l-Kunsill jircievi l-ammont ta' €13,601 bhala ko-finanzjament ghall-progett Integrated Strategy for Sustainable Development of Mediterranean Rural Areas – MEDSTRATEGY u €16,044 bhala ko-finanzjament ghall-progett Land-use and Sustainable Development of Territorories of Mediterranean Area – OSDDT-Med

8.151. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8038/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirratifika d-decizjoni mehuda li jigi jiffirma l-ftehim propost, liema decizjoni diga kienet ittiehdet minhabba li kien hemm zmien stipulat.

8.152. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.153. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8043/10/I** 21/12/2010 E-mail minghand il-GRTU jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex bejn l-24 ta' Dicembru 2010 u t-2 ta' Jannar 2011, il-GRTU thaddem skema ta' Park & Ride bejn l-Ex Parade Ground u Paceville.

8.154. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8043/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba bil-kundizzjoni li jithalla post adegwat u riservat fejn jipparkjaw ir-residenti ta' Blokk 7.

8.155. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.156. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit jirreferi lill-Kunsillieri ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha ta' l-LES. Il-kelliem qal li fl-ahhar zewg laqghat kemm ta' l-LES u tar-Regjun, id-diskussjoni kienet fuq id-delega tal-Gwardjani Lokali li mill-1 ta' Jannar 2011, suppost ser tghaddi ghand ir-Regjun. Il-kelliem qal ukoll li l-fondi originati mis-sistema sa l-ahhar ta' Dicembru ser jibqghu tal-Kunsilli rispettivi.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fakkar lill-Kunsillieri fl-attivitajiet li saru u ghad qed isiru ghal dawn iz-zminijiet tal-Milied.

## 11. Proposti għall-Estimi Finanzjarji 2011 u Business Plan 2011-2013.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex dan is-suggett ikun diskuss fl-laqgha ghalih wara l'issir diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, isir draft u jigi prezentat u approvat fil-laqgha pubblika skond l-Att tal-Kunsilli Lokali. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Laqgha tal-Lokalita' ghandha ssir fl-ewwel jiem ta' Jannar 2011 prefebilment nhar l-Erbgha 19 ta' Jannar.

11.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jissekonda.

11.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija qed tivvota favur sakemm il-laqgha tal-lokalita' issir wara l-15 ta' Jannar 2011 minhabba li ser tkun imsiefra. Il-kelliema qalet li meta s-Sindku jkun imsiefer il-laqghat ma jsirux, ghalkemm meta tkun imsiefra hija, il-laqghat isiru xorta wahda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li skond Art 70 ta' l-Att, l-avviz tal-Laqgha tal-Lokalita' irid jigi mxandar fil-gurnali kollha ta' kuljum u fuq ir-radjijiet kollha nazzjonali.

11.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill l'illum waslet l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2011, liema allokazzjoni ser tkun ta' € 338,597.00. **(Ara dokument W)**

11.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jipprotesta minhabba n-nuqqas fl-allokazzjoni kif ukoll minhabba li l-Kunsill ghat-tieni sena qed jigi allokat anqas flus minn dak dovut fuq is-servizz ta' gbir ta' skart inkluz il-bulky refuse.

11.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. L-Appell Mario Mallia vs il-Kunsill Lokali Pembroke.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghal dak approvat aktar kmieni fil-laqgha fejn ippropona li l-Kunsilliera ghandhom jinghataw kopja ta' l-affidavids li kienu saru mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-iskrivana Alison Micallef.

12.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg filwaqt li pogga fuq il-mejda kopja ta' l-affidavids **(Ara dokument X)** fakkar lill-Kunsill li l-affidavids kienu diga gew esebiti lura fl-1 ta' Dicembru 2009 ufficjalment fil-file tal-korrispondenza, apparti li hemm min mill-membri tal-Kunsill li diga kellu kopja taghhom u ghalhekk ma kellu ebda problema li dawn jergghu jigu ccirkolati.

## 13. Approvazzjoni tal-kontijiet.

13.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument Y u Z)**

13.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata.

13.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tara 'itimised bill' tal-kontijiet tat-telefon ta' dawn l-ahhar tlett xhur.

13.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li meta jigu diskussa rapporti finanzjarji, il-Kunsill ghandu jitlob li tkun prezenti l-accountant sabiex twiegeb ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

13.06. Il-Kunsill qabel unanimament ma' l-approvazzjoni tal-kontijiet.

## 14. Materji ohra.

14.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill johrog sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal qtugh ta' palm infettat. Il-kelliem qal li ser issir site plan u ritratti tal-palm kollu li hemm bzonn.

14.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kif jitolbu r-regolamenti finanzjarji, huwa mportanti li qabel tinhareg is-sejha, il-Kunsill jiddikjara kemm ser jalloka fondi kif ukoll jigi identifikat fuq pjanta x-xoghol li ser isir. Il-kelliem staqsa wkoll jekk il-palm huwiex ser jinqala' jew jinqata'

14.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li qabel jinhargu l-kwotazzjonijiet ser jipprepara pjanta bil-palm kollu ndikat fuqhom kif ukoll li t-talba ser tkun ghall-qtugh u mhux qlugh.

14.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li d-Dipartiment kien qed jitlob €150.00 ghal kull sigra mmaterjalment mill-kobor tas-sigra filwaqt li l-kuntrattur tal-Kunsill kien talab €100.00 ghal kull palma.

14.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi ratifikata d-decizjoni li jitnehhew l-4 out-crops li hemm fi Triq Mikiel Ang Grima u dik ta' Triq il-Mediterran u li fejn jitnehhew isir patching bit-tarmak.

14.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat tipproponi biex mill-fondi li ghad fadal ta' ring fenced ghandu jsir id-dawl ta' Triq il-Kurunell Cocks kemm jista' jkun malajr.

14.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Kunsill jilqa' t-talba li kien ghamel is-Sur Alfio Ellul fejn kien talab biex isiru 2 shades mal-lampi li hemm mad-dar tal-Familja Salafia u mad-dar tal-Familja Cassar fi Triq Patri Indri Vella.

14.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li peress li diga kien hemm decizjoni tal-Kunsill (Minuti 20/K6/2010 - 27/10/10), liema decizjoni m'ilhiex aktar minn sitt xhur, biex tinbidel din id-decizjoni hemm bzonn ta' rizoluzzjoni specjali.

14.15. Is-Sindku Joe Zammit qal li din ir-rizoluzzjoni specjali tista' titressaq fil-laqgha li jmiss.

14.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaghmel lezzjonijiet ta' etika.

14.17. Is-Sindku Joe Zammit jissekonda.

14.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li jintalab il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill jistax jimpjega watchman / security-man sabiex jissorvelja l-lokal.

14.20. Is-Sindku Joe Zammit qal li saret l-ittra lid-Dipartiment f'dan is-sens, riferenza 46/7650/10/O fejn qal li l-Kunsill ircieva risposta li l-Kunsill ghandu il-full compliment ta' impjegati skond il-ligi u ghalhekk ma jistax jimpjega aktar impjegati.

14.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li waslilha lment li fit-tarf tar-rampa tad-drive tal-garaxx tal-familja Borg ta' Triq il-Mediterran kantuniera ma' Triq il-Fortizza, hemm balla konkos li taghmel parti mis-slope tad-drive li qed tporgi ghal fuq il-bankina. Il-kelliema qalet li din qed tohloq ostaklu ghall-passagg tan-nies skond dan l-ilment u ghalhekk ipproponiet biex is-sinjuri Borg ghandhom ikunu nfurmati biex titnehha u tillixxa ruhha din il-balla konkos fit-tarf tar-rampa biex ma tkunx ta' periklu ghar-residenti u ma jkollniex ilmenti bhal ma gara. Il-kelliema qalet li l-Kunsill ghandu jagixxi bhal ma gara f'kazijiet ohra. Il-kelliema pproponiet ukoll li ghandha tintbaghat flyer lir-residenti kollha tal-lokal li ma jistax isir ingombru tal-bankini jew modifici tal-bankina jekk mhux bil-permess tal-Kunsill.

14.22. Hadd m'issekonda l-proposta u ghalhekk din waqghet.

14.23. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien ser jipproponi li l-Kunsill ghandu jitlob il-parir tal-MEPA dwar kazijiet simili, izda wara diskussjoni li kien hemm, il-kelliem qal li ma kienx ser jghaddi l-proposta tieghu ghall-vot minhabba li deher li ma kienx hemm lok ghal dan.

14.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li r-ritratti antiki li kien hemm fis-sala tal-Kunsill, ghandu jinstab mezz biex jergghu jitwahhlu u mhux jithallew fl-istore tal-Kunsill. Il-kelliema qalet li dawn huma ritratti storici u ta' certu valur ghall-Kunsill.

14.25. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li ghandha tintalab l-ghajnuna tal-kuntrattur li kien ghamel ix-xoghol fil-Kunsill biex forsi jindika fejn hemm il-vireg tal-kisi fil-hajt biex ikunu jistghu jitwahhlu maghhom.

14.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex tinhareg kwotazzjoni halli tigi nstallata l-fax machine fl-ufficcju tal-Kunsilliera u jekk hemm xi hsara tissewwa ukoll.

14.28. Il-Kunsillier Joe Brincat jissekonda.

14.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.30. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-kaz tal-fax machine ilu pendenti ghal hafna zmien. Il-kelliema qalet li din ma saritx minhabba li mhux fl-interess tas-Segretarju Ezekuttiv li din titpogga fl-ufficcju tal-Kunsilliera.

14.31. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li dan mhux minnu minhabba l'huwa m'ghandu ebda nteress li din il-fax tibqa' fl-ufficcju tieghu. Il-kelliem qal li fil-fatt, kien huwa stess li talab lis-supplier li kien qabbad il-Kunsill sabiex isib il-hsara li hemm fil-linja sabiex terga' tehel fejn kienet, kemm jista' jkun malajr.

14.32. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex jinkera High Up ghall-zbir ta' palm ta' Triq il-Mediterran u xi sigar ohra fi Triq Mandalay.

14.33. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.35. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill, li l-Kunsill ghad m'ghandux permess sabiex jinzabru s-sigar ta' Triq Mandalay. Il-kelliem fakkar ukoll li ftit tal-gimghat ilu kien diga nkera high up ghal dan ix-xoghol fi Triq il-Mediterran, liema xoghol thallas ukoll.

14.36. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li jekk huwa l-kaz allura m'hemmx ghalfejn jerga' jinkera high-up.

14.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li wara l-incident li gara fi Triq il-Kurunell Cocks ta' Ms. Lea Tabone, ghadhom isiru tabelli li jindikaw ***No Entry to heavy vehicles unless to render a service – Council permission to be sought.***

14.38. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

14.39. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghal dan ix-xoghol hemm bzonn l-approvazzjoni ta' TM.

14.40. Il-Kunsill qabel unanimament inkluz li jintalab il-permess ta' TM.

14.41. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jigi nfurmat sabiex il-vacation leave tieghu u ta' l-impjegati jittiehed kollu sat-tieni gimgha ta' Jannar 2011 hlief ghal dak ta' Alison Micallef li kien hemm qbil li jiggemma ghas-sena 2011.

14.42. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.44. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-fatt kien diga talab l-approvazzjoni ghall-vacation leave ghat-3, 4 u 5 ta' Jannar 2011. Il-kelliem fakkar li kien ghad fadal 26.25 sieghat minhabba li kien hemm proposti li jsiru laqghat tal-Kunsill meta huwa kien bil-vacation leave u ghalhekk kellu jithassar il-leave, kien

hemm kaz ta' mard meta kien bil-vacation leave u kien hemm cirkostanza meta l-vacation leave ma giex approvat.

14.45. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-korrisponenza rif 46/7457/10/I dwar E-mail minghand Shadow Services fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill baghat rapport tal-kompjuters li sewwa u tal-problema li hemm f'zewg kompjuters ohra li mhux jahdmu sew u nforma lill-Kunsill li l-kwotazzjoni li kien ta hija ghal service u formatting u mhux ghal tiswija ta' kompjuters, fejn ippropona li l-Kunsill jitlob stima biex dawn jigu rrangata.

14.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.47. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dawn il-kompjuters kienu qodma fejn wiehed minnhom jidher li ghandu problema fil-mother board u l-iehor jista' jaghti l-kaz li ghandu problema simili.

14.48. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

14.49. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jsiru tabelli bil-hinijiet ghall-parkegg quddiem il-bring in sites ta' Triq Pietru D'Armenia.

14.50. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.52. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jigi rrangat sprall fi Triq Medjez kantuniera ma' Triq Anzio. Il-kelliem ippropona wkoll li tigi rrangata bicca bankina fi Triq Don Luigi Rigord quddiem is-Sur Michael Lewis.

14.53. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.55. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li peress li jinsabu lejn l-ahhar tas-sena, huwa kien qed jirriserva dritt li jekk ikun hemm il-htiega, sa qabel laqgha ohra jghajjat laqgha b'urgenza minhabba li hemm hafna xoghol pendenti fosthom il-Budget.

14.56. Qabel spiccat il-laqgha Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, f'ismu u f'isem l-impjegati klerikali awgura l-Milied u s-Sena t-Tajba lill-membri tal-Kunsill.

14.57. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fid-9.00pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 19 ta' Jannar 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |